

31979R1771

L 203/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.8.1979

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1771/79
ta' l-10 ta' Awissu 1979**

li jemenda r-Regolament Nru 467/67/KEE li jiffissa r-rati ta' konverżjoni, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati għall-istadji varji ta' l-ipproċessar tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 14.8/76 ta' l-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1552/79⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi l-Artikoli 2, 3 u 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 467/67/KEE⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1572/77⁽⁴⁾, iffissa l-ispejjeż ta' l-ipproċessar, il-valur tal-prodotti derivati u l-valur tar-ross imfarrak għall-istadi diversi ta' l-ipproċessar; billi bħala riżultat taż-żieda ġenerali fil-prezzijiet, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati żdied; billi l-imsemmija spejjeż u l-valur għandhom ikunu stipulati flivell rappreżentattiv għall-Komunità kollha kemm hi;

Billi ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 652/79⁽⁵⁾ stabbilixxa l-koeffiċjent dwar kif għandhom jiġu espressi l-ammonti ffissati f'unitajiet tal-kont fl-ECU;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 467/67/KEE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 2

1. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ross li għadu fil-fosqda jkun kkonvertit f'ross imqaxxar għandhom ikunu ta' 35 730 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross li għandu fil-fosqda.

2. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ross imqaxxar ikun ikkonvertit f'ross mitħun għandhom ikunu ta' 35 730 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross imqaxxar.

⁽¹⁾ ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 188, tas-26.7.1979, p. 9.

⁽³⁾ ĠU C 204, ta' l-24.8.1967, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 174, ta' l-14.7.1977, p. 26.

⁽⁵⁾ ĠU L 84, ta' l-4.4.1979, p. 1.

3. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar għall-konversjoni ta' ross nofsu mitħun f'ross mitħun ma jittieħdu in konsiderazzjoni.”

2. L-Artikolu 3 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 3

1. Il-valur tal-prodotti derivati miksuba mill-ipproċessar ta' ross li jkun fil-fosqda f'ross imqaxxar għandu jitqies li jkun żero.

2. Il-valur tal-prodotti derivati miksuba mill-ipproċessar ta' ross imqaxxar f'ross mitħun ikunu:

(a) 35 735 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross tond imqaxxar;

(b) 48 765 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross tawwali imqaxxar

3. Il-valur tal-prodotti derivati miksuba minn ross nofsu mitħun f'ross mitħun ikun:

(a) 10 788 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross tond nofsu mitħun;

(b) 13 715 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross tawwali nofsu mitħun.”

3. L-Artikolu 4 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 4

Il-konverżjoni tal-valur ta' kwantità ta' ross imqaxxar fil-valur ta' l-istess kwantità ta' ross fi stadju ieħor ta' pproċessar għandha ssir fuq il-bażi ta' ross imqaxxar li jkun fih 3 % ta' ross imfarrak. Jekk ir-ross imqaxxar ikun fih iktar minn 3 % ross ta' imfarrak, il-konverżjoni issir warali jsir aġġustament fuq il-bażi tal-valur ta' 110 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross imfarrak.

Il-konverżjoni tal-valur ta' kwantità ta' ross nofsu mitħun jew ross mitħun fil-valur ta' l-istess kwantità ta' ross fi stadju ta' pproċessar ieħor għandha ssir fuq il-bażi ta' ross nofsu mitħun jew mitħun li ma jkun fih ebda ross imfarrak. Jekk xi ross nofsu mitħun jew mitħun ikun fih ross imfarrak, il-konverżjoni għandha ssir wara li jsir aġġustament fuq il-bażi ta' valur ta' 150 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross imfarrak.

L-aġġustamenti li għalihom jipprovdu l-paragrafi ta' qabel dan ma għandhomx isiru meta l-prezzijiet tar-ross imqaxxar u l-prezzijiet tar-ross nofsu mitħun jew ross mitħun meħuda f'konsiderazzjoni għall-iffissar ta' l-imposti u l-ħlasijiet lura ta' esportazzjoni jkunu iktar baxxi minn:

- 110 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross imqaxxar,
- 150 ECU għal kull tunellata metrika ta' ross nofsu mitħun jew mitħun.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1979

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Awissu 1979.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President
